# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 17**

**Rikors numru 431/15 LSO**

**Alexander Grech u martu Aloisia sive Louise Mifsud Grech**

**v.**

**Lilian Fenech, Martin Mifsud, Carmen Mannino, Giorgina Borg u Mary Mifsud**

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'din il-kawza fit-30 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad t-talbiet kollha attriċi u tilqa l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' ta' April 2016 qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ir-rikors mahluf ta' Alexander Grech [detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 234964(M)] u martu Aloisia *sive* Louise Mifsud Grech [detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 303463(M)] datat 11 ta' Mejju 2015 fejn bil-gurament taghha Aloisia *sive* Louise Mifsud Grech ikkonfermat:

"Illi l-attrici u l-konvenuti Lilian Fenech, Martin Mifsud, Carmen Mannino u Giorgina Borg huma ahwa, u wlied il-konvenuta Mary Mifsud.

"Illi l-atturi flimkien ilhom snin jghixu fil-fond esternament immarkat bin-numry 46, f' Main Street Tas-Sajjied, Birkirkara, f' liema fond tghix ukoll il-konvenuta Mary Mifsud. L-attrici fil-fatt ilha tghix hemmhekk hajjitha kollha.

"Illi ricentement, inqala' dizgwid bejn l-atturi u l-konvenuti.

"Illi b'konsegwenza ta' dan id-dizgwid, il-konvenuti bdew permezz ta' theddid u atti ta' ntimidazzjoni joholqu pressjoni fuq l-atturi biex jivvakaw mill-fond fejn huma ilhom jghixu ghal numru ta' snin.

"Illi l-konvenuti bdew icaqalqu l-effetti personali ta' l-atturi minn post ghall-iehor gewwa l-istess fond, u kif ukoll bdew jillimitaw id-dhul u l-hrug ta' l-atturi mill-istess fond billi jhallu cavetta fis-serratura li tinsab fuq in-naha interna tal-bieb ta' barra tal-istess fond, b'mod li l-atturi ma jkunux jistghu jifthu l-istess bieb min-naha ta' barra tal-fond in kwistjoni.

"Illi fl-10 ta' Mejju 2015, il-konvenuti fizikament u bi vjolenza zammew lill-atturi milli jidhlu fl-imsemmi fond, tant li l-atturi llum jinsabu 'l barra mill-fond fejn ilhom jghixu, mentri ghad ghandhom effetti mobbli fl-istess fond.

"Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti kommess mill-konvenuti kontra l-atturi.

"Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

"Illi l-attrici Aloisia *sive* Louise Mifsud Grech tiddikjara li taf personalment bil-fatti kollha fuq esposti.

"Ghaldaqstant l-atturi qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti kollha, jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti fil-konfront ta' l-atturi;

“2. Tordna lill-konvenuti kollha, jew min minnhom, biex jirripristinaw lill-atturi fil-pussess taghhom *entro* terminu qasir u perentorju li jigi minnha prefiss;

“3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas tal-ispurgar ta' l-ispoll mill-konvenuti kif ordnat permezz tat-talba precedenti, iwettqu huma dak kollu necessarju sabiex jigu ripristinati fil-pussess taghhom tal-fond bin-numru 46, f’Main Street Tas-Sajjied, Birkirkara, u ta' l-effetti mobbli kollha taghhom li jinsabu fl-istess fond, *occorrendo* taht is-sorveljanza ta' periti nominandi u ta' l-ufficjali ezekuttivi taghha, u bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti,

“u dan kollu previa kull provvediment iehor li jkun jidhrilha xieraq u opportun.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

“B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skont il-ligi.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2015.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Lilian Fenech (K.I. Nru. 225968M), Martin Mifsud (K.I. Nru.303563M), Carmen Mannino (K.I. Nru. 45257M), Giorgina Borg (K.I. Nru.185558M) u Mary Mifsud (K.I. Nru.422534M) datata 12 ta’ Gunju 2015 (fol 14) fejn eccipew bir-rispett, u Lilian Fenech [K.I. Nru. 225968M] bil-gurament taghha kkonfermat:-

“1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jeccepixxu n-nullita` tar-rikors promotorju *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi ma gewx indikati d-dettalji tal-konvenuti *ai termini* tal-artikolu 174(1)(b) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk mhuwiex identifikabbli kontra min qed tigi maghmula din il-kawza;

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, hemm nieqsa l-elementi jew wiehed mill-elementi tal-kawza ta' spoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-atturi ma jgawdux titolu ta' pussess jew detenzjoni sufficjenti (*possedisse*) sabiex ikunu jistghu jressqu azzjoni ta' spoll u ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

“4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li

mhux minnu li l-eccipjenti wettqu xi atti li jammontaw ghal spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tal-atturi;

“5. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

“B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

“Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta’ April 2018 (fol 299) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri ddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-ahhar verbal u ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta’ Ottubur 2018 fid-9:30a.m.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi Alexander Grech [detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 234964(M)] u martu Aloisia *sive* Louise Mifsud Grech [detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 303463(M)] datata 31 ta’ Mejju 2018 a fol 300 tal-process.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Lilian Fenech (K.I. Nru. 225968M), Martin Mifsud (K.I. Nru. 303563M), Carmen Mannino (K.I. Nru. 45257M), Giorgina Borg (K.I. Nru.185558M) u Mary Mifsud (K.I. Nru. 422534M) datata 30 ta’ Lulju 2018 a fol 315 tal-process.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi din hija kawza ta’ spoll fejn ir-rikorrenti qed jallegaw li konsegwentement ghall-agir tal-intimati, li bdew jillimitaw id-dhul u l-hrug tar-rikorrenti mill-istess fond billi jhallu cavetta fis-serratura li tinsab fuq in-naha interna tal-bieb tal-fond 46 f’Main Street Tas-Sajjied, B’kara. Illi gie sostnut, li mill-10 ta’ Mejju 2015 il quddiem, l-intimati zammew lir-rikorrenti fizikament u bi vjolenza milli jaccedu fl-imsemmi fond, filwaqt li ghad ghandhom effetti mobbli fl-istess fond. L-intimati laqghu billi sostnew, *in linea* preliminari, in-nullita' tar-rikors promotorju, u fil-mertu, li l-elementi ghall-kaz ta’ spoll huma karenti. Gie eccepit specifikatament, li r-rikrorenti ma jgawdux titolu ta’ pussess jew detenzjoni ghal azzjoni bhal din. Inoltre`, gie sostnut li mhuwiex minnu li l-intimati wettqu atti li jammontaw ghal spoll klandestin u vjolenti.

“**L- Ewwel Eccezzjoni:**

“Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija sorvolata billi giet irtirata, kif verbalizzat fil-verbal tas-6 ta’ Ottubru 2015. Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

“**<u>Fatti:</u>**

“Jirrizulta li Mary Mifsud, omm il-partijiet trabbiet u ghexet fl-imsemmi fond, kif ukoll li t-tmien uliedha trabbew u ghexu hemmhekk fl-istess

fond sa ma zzewgu. Jirrizulta li r-rikorrenti Aloisia Mifsud Grech kienet baqghet toqghod f'dan il-fond ma' ommha wara l-mewt ta' missierha fit-18 ta' Dicembru 2003. Aloisia ltaqghet ma' Alexander fl-2007 u sa minn qabel ma zzewget hi u Alexander kienu baqghu jghixu flimkien ma' ommha f'din id-dar, fejn sahansitra hija kellha l-prokura ta' ommha. Illi f'April 2015 l-omm, Mary Mifsud kienet baghtet ittra lil bintha Aloisia u lir-ragel taghha Alexander sabiex jitilqu minn din id-dar, sakemm wara incident ta' glied li nqala' fl-istess dar fl-10 ta' Mejju 2015, f'Jum l-Omm, Aloisia u zewgha telqu mill-fond u ma regghux irritornaw ghaliex ma setghux jaccedu aktar fl-imsemmija dar.

"**<u>Provi:</u>**

"**Aloisia Mifsud Grech** xehdet permezz ta' affidavit (fol 21-26) u qalet li d-dar in kwistjoni tappartjeni lil ommha, illi hi u hutha trabbew f'din id-dar sakemm izzewgu, missierha miet fit-18 ta' Dicembru 2003. Semmiet li wara l-mewt ta' missierha hi kompliet tiehu hsieb ommha u meta ltaqghet ma' Alexander Grech, ommha ftehmet maghha biex jistabbilixxu l-fond konjugali taghhom fl-imsemmi fond, u ommha dak iz-zmien kienet tghidilha li ser thalli l-imsemmija dar lilha b'ringrazzjament ta' kemm kienet hadet hsiebha. Spjegat li l-inkwiet li wassal ghal dan il-kaz beda fit-12 ta' Jannar 2015, meta sabet lil ommha titkellem ma' huha Joseph, fejn kien qed ighid li ma jaqbilx li l-ulied kollha jkollhom cavetta ghal dan il-fond, izda ghandu jkollhom cavetta ommha, hi u zewgha Alexander. Semmiet li fil-15 ta' Jannar 2015, kienu gew Lilian Fenech u Georgina Borg jirrabbjaw ghax ommhom kienet talbithom ic-cavetta. Qalet li sussegwentement, anke l-ghada ohtha Lilian kienet giet tordna biex tmur tifthilha tant li hi u zewgha marru ghand avukat u kien kitbilhom ittra ta' twissija. Qalet ukoll li fl-20 ta' Jannar hi u zewgha dahlu d-dar u kien hemm huha Martin jitkellem ma' ommha u ommha kienet in segwitu rritornat ic-cwievet lil hutha l-ohra. Sussegwentement hutha kienu marru d-dar ghand ommha u bdew jinsistu li titnehha l-prokura minn fuqha, u fit-8 ta' April 2015 hi u zewgha rcevew ittra bl-avukat li tghid li Mary Mifsud riedet li jitilqu mid-dar fi zmien hmistax ghax ma kinux ghadhom qed jiehdu hsiebha, u minn hemm qalet li bdew sensiela ta' incidenti ma' hutha konsistenti f'insulti u theddid fejn anke sar rapport l-Ghassa ta' B'kara. Qalet li mill-11 ta' April 2015 'il quddiem, li bdew jaghmlu hutha hu li bdew isakkru bic-cavetta minn gewwa, u jhallu c-cavetta fuq gewwa biex ma tkunx tista' tiftah il-bieb jekk ma jifthulhiex huma. Semmiet li fit-28 ta' April sabet diversi oggetti taghha u ta' zewgha mal-art, u ohtha kienet hedditha li se tarmilha kollox barra, kienet ghamlet rapport l-Ghassa dwar dan u talbet l-intervent tal-Pulizija. Qalet li fit-2 ta' Mejju 2015 Lilian Fenech kienet ordnatilha li titlaq minn hemm, u Lilian Fenech flimkien ma' Martin kienu kissru l-bieb, u hi kienet talbet il-protezzjoni tal-Pulizija tliet darbiet. Spjegat ukoll l-incident tal-10 ta' Mejju meta Lilian u Carmen bdew fizikament igebbduha u jimbuttawha lejn il-bieb meta intervjeniet ukoll ommha li wkoll imbuttatha 'il barra, u meta wasal zewgha, ohtha Lilian imblukkatu milli jidhol u dakinhar kienet l-ahhar gurnata li baqghu joqghodu f'dik id-dar hi u zewgha

ghalkemm ghad ghandhom l-oggetti personali kollha hemm, u meta kienu reghhu marru d-dar sabu li kienu ghamlu katina u katnazz. Hi esebiet ritratti li juru dan.

"**In kontro-ezami** xehdet (fol153a-x)[1] u qalet li hi kienet toqghod fl-imsemmija dar ma' ommha u ma' missierha u wara li missierha tatu puplesija kienet waqfet mix-xoghol biex tiehu hsiebu. Qalet li missierha kien ighidilha li se jtiha paga izda kien itiha biss tal-petrol. Qalet li ltaqghet ma' Alexander fl-2007, u tgharrset mieghu fl-2014. Qalet li ghandha kopja tal-wirt li kienu ghamlu l-genituri taghha li d-dar fejn kienet toqghod maghhom kienu se jhalluha lilha. Hi qablet li l-inkwiet li wassal ghall-kaz odjern beda fl-2015. Qalet li hi u hutha kellhom ic-cavetta tad-dar in kwistjoni biex jifthu jekk jinqala' xi haga lil ommha. Qalet li huha Martin fil-prezenza taghha fl-2015, kien qal li ried inehhilha l-prokura u jaghmel laqgha mal-ahwa, ghax ma kienx qed jafdaha. Qalet li fit-12 ta' Marzu 2015, ikkonfermat li giet aggredita minn ohtha Lilian sabiex keccewha mid-dar. Ziedet tghid li fit-8 ta' Marzu ghan-nom ta' ommha biex fi zmien hmistax titlaq mid-dar, u jumejn wara dakinhar meta marret id-dar daru ghaliha. Ikkonfermat li s-serratura tad-dar ma nbidlitx, izda tqieghed katnazz u katina li bihom ma tistax tidhol. Mistoqsija jekk fid-9 ta' April 2015 dahlitx irrabjata biex tagredixxi lil ommha qalet li mhuwiex veru. Meta bdiet tithalla cavetta fil-*lock* tal-bieb min-naha ta' gewwa kien fi Frar 2015, u damet hmistax sejra hekk, li jkollha thabbat biex tidhol. Ikkonfermat li f'April 2015 kienet hadet u garret xi affarijiet taghha mill-kcina. Ikkonfermat li f'okkazjoni kienu kellmuha l-Pulizija ghax kienet ghalqet l-access biex ommha tghaddi ghall-gallarija mbaghad kienet fethet il-bieb. Qalet li c-cavetta tad-dar ghadha ghandha izda ma tistax tidhol, ghax hi cavetta tal-katnazz li tpogga m'ghandhiex. Dwar il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati, qalet, li ghalkemm il-verzjonijiet ta' hutha f'dawk il-proceduri ma bdewx jaqblu, xorta temmen lilhom. Ghad-domanda jekk hi u zewgha telqux minn jeddhom mid-dar fejn kienu joqghodu ma' ommha qalet li le, huma ma telqux minn jeddhom. Qalet li l-ghada ta' dakinhar li giet imkeccija veru li marret id-dar ghal xi siegha u nofs, fethulha, qalulha biex tiehu hwejjigha u telqet.

"**Alexander Grech** ikkonferma l-affidavit ta' martu bil-gurament fl-intier tieghu.

"**In kontro-ezami** qal (fol 166-180)[2] b'referenza a fol 152 li t-28 ta' Lulju kien festin tat-tieg. Spjega li meta f'Jannar 2012, kellu bzonn operazzjoni wara gimgha li kien qaghad ghandhom, fl-imsemmija dar, kien baqa' ighix hemm. Qal li Aloisia kienet taghmel tisjir u hasil tal-art fl-isemmija dar u kienet tiehu hsieb il-medicini ta' ommha. Qal li l-omm talbet ic-cavetta lil uhud mill-ahwa ta' Aloisia peress li f'Jannar 2015 giet Lilian il-hanut tghajjat biex Aloisia tmur tifthilha. Qal li anke kienu jirrekordjaw lil huha Martin Mifsud u kienu anke jhallu r-*recorder* miftuh meta ma jkunux hemm. Hu kkonferma li s-serratura ma nbidlitx. Hu

[1] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2016.
[2] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016.

kkonferma wkoll li f'April 2015 kienet qed tithalla c-cavetta fuq in-naha ta' gewwa tal-bieb u hu kien personalment ha battikata biex jiftah u darba Aloisia kellha tidhol minghand il-girien. Dakinhar tal-incident li tkeccew mill-imsemmija dar hu u Aloisia, kienu marru l-polyclinic, u filghaxija sabu l-katina fil-bieb ta' barra, u kellhom jitilqu minhabba dawk ic-cirkostanzi ta' glied. Qal li ppruvaw jidhlu biex jigbru hwejjighom fil-21 ta' Frar 2016. Hu kkonferma li fl-10 ta' Mejju 2015 wara d-data ta' l-incident meta tkeccew, Aloisia kienet marret tigbor xi hwejjeg mid-dar. Qal li meta dahlu biex jigbru l-affarijiet fl-2016, peress li kien sar ftehim li jigbru l-affarijiet wara li rcevew ittra ghat-*transfer* tad-dawl u ilma u kienet laqghethom fil-bieb Gina, li qaltilhom jekk ma jiffirmawx ma jidhlux.

"**In ri-ezami**, qal li wara dik id-data tal-10 ta' Mejju 2015, baqa' hafna effetti personali taghhom fid-dar, u pprezenta Dok AG1 li hi lista shiha tal-oggetti taghhom, miktuba minn martu.

"**Joseph Mifsud** xehed (fol 32-37)[3] u qal li huh u r-rikorrenti, u iben Mary Mifsud, u l-intimati l-ohra huma hutu. Qal li fl-imsemmi fond kienet toqghod ommu, u r-rikorrenti meta zzewget baqghet toqghod hemm. Qal li kien inqala' l-inkwiet f'Dicembru 2014 meta giet ohtu minn barra. Hu kkonferma li fl-imsemmija dar, kienu qed ighixu ommu Aloisia u r-ragel taghha. Qalet li lil ommha mindu ghamlu l-katnazz jew jehduha d-*day centre* jew jehduha x'imkien maghhom. Hu kkonferma il-katnazz li tqieghed mal-bieb tad-dar kif jidher fol 27-28. Qal li ohtu Aloisia giet toqghod ghandu mill-incident li gara, taha kamra, u ilha toqghod ghandu mindu twahhlu l-katina u l-katnazz minn qabel is-sajf, xi erba' xhur ilu.

"**In kontro-ezami** qal (fol 205-212)[4] li f'okkazjoni minnhom meta kien hemm Vicky minn barra kien inqala' l-glied bejn l-ahwa. Qal li sussegwentement kienet ttiqieghed cavetta fuq gewwa tas-serratura b'mod li min jipprova jiftah ma jkunx jista' jdawwar ic-cavetta. Qal ukoll li hu qatt ma kellu cavetta tad-dar ta' ommu, u meta darba kellem lil ommu fuq hekk, kienet tatu cavetta u tahiela lura ftit wara, lanqas damet xahar ghandu c-cavetta tad-dar. Qal li hu kien iffirma biex Aloisia jkollha l-prokura ta' ommu, u meta hutu keccewha mid-dar hu hadha go daru

"**Sylvana Pace** xehdet (fol 41-45)[5] u qalet li ommha Maria Mifsud, u l-intimati hutha. Qalet li ommha mit-twelid ghexet fl-imsemmija dar, u ohtha Aloisia meta zzewget baqghet tghix hemm ma' zewgha. Spjegat li s-sitwazzjoni kienet li l-ulied kellhom ic-cavetta biex jidhlu fid-dar fejn kienet tirrisjedi ommha. Qalet li meta marret ghall-habta tal-31 ta' Marzu biex tidhol fid-dar in kwistjoni dahlet ic-cavetta izda ma daritx imbaghad giet tifthilha ohtha Lilian. Qalet li bejn Mejju u Gunju 2015 kienet rat ghall-ewwel darba l-katnazz u katina mal-bieb tad-dar. Qalet li fil-bidu

[3] Seduta tad-19 ta' Novembru 2015.
[4] Seduta tal-21 ta' April 2017.
[5] Seduta tad-9 ta' Dicembru 2015.

ta' Mejju tal-2015 kienet cemplitiha ohtha r-rikorrenti u bdiet tibki ghax hadulha l-*washing machine*, imbaghad kien fl-10 ta' Mejju li ghamlu xi glieda u ohtha ma baqghetx toqghod hemm, meta cemplitilha u nfurmatha li ma tistax tidhol aktar fid-dar, izda hi ma kinitx prezenti hemm. Qalet li taf li sussegwentement Aloisia marret toqghod ghand huha Joseph.

"**In kontro-ezami** (fol 188-193; fol 195-204)[6] qalet li kien beda jinqala' l-inkwiet bejn l-ahwa minn meta kien hawn ohthom Vicky minn barra. Qalet li ma tafx ghaliex ommha bdiet thalli c-cavetta fis-serratura tal-bieb fuq wara u qalet li hi mhux kull darba li marret fethulha. Qalet li ma tafx tghid inbidlitx is-serratura, l-unika haga li hi kull darba li ppruvat tidhol ic-cavetta ma daritx. Qalet li f'Mejju 2015 kienet marret darba d-dar u offriet li tahsel il-hwejjeg lil Aloisia. Qalet li hi ma kinitx prezenti dakinhar li Aloisia qalet li giet aggredita u li kellha titlaq mid-dar, milli qaltilha Aloisia stess. Wara dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015, mal-bieb tal-imsemmija dar kien hemm katina u katnazz u setghet tarahom meta gholliet il-hasira ta' mal-bieb, fil-fatt kienet cemplet u ma fethilha hadd.

"**WPC 341 Leanne Farrugia** xehdet (fol 148-150)[7] u qalet li qed tipprezenta sbatax-il rapport li kollha li saru minn Aloisia Mifsud Grech u Alexander Grech bejn Jannar 2015 u Mejju 2015. Qalet li hi qatt ma kienet involuta f'dawn ir-rapporti u kkonfermat li bhalissa hemm proceduri ghaddejin fis-seduti tad-distrett ta' B'kara wkoll.

"**Mary Mifsud** xehdet permezz ta' affidavit (fol 216) u qalet li hi ghandha tmint itfal, u minn dejjem trabbiet u ghexet fl-imsemmija dar. Meta zzewget Aloisia halliet lilha u lil Alex jirrisjedu hemm izda bdew jaqlghulha l-inkwiet u ma bdietx tafdahom aktar tant li ma kinitx tohrog mid-dar ghax ma tafdahomx. Qalet li sa minn Frar 2015 kienet talbitha l-prokura lura lil Aloisia u peress li ma riditx tatijielha, kellmet avukat u tat prokura lil Lilian.

"**Lilian Fenech** xehdet permezz ta' affidavit (fol 217-225) u qalet li hi oht Aloisia u l-ahwa kollha trabbew u ghexu fid-dar in kwstjoni. Semmiet li Aloisia kienet bdiet tiehu hsieb il-genituri taghha fl-2001 u missierhom miet fit-18 ta' Dicembru 2003, u hi u Aloisia kienu inseparabbli sakemm Aloisia ltaqghet ma' Alex. Qalet li ommha kienet halliet lil Aloisia u lil Alex jirrisjedu fid-dar maghha, u f'Ottubru 2014 ommha kienet qaltilha li halliet flus id-dar, u nqalghu suspetti li Aloisia ma ridithomx ikun jafu ommhom x'ghandha flus il-Bank. Spjegat li meta sussegwentement kien hawn ohthom Vicky minn barra, kien inqala' wkoll dizgwid rigwardanti l-flus, u in segwitu ommha qaltilha li Aloisia u Alex kienu qed ikunu jafu x'qed ighidu ghax kienu hallew *recorder* wara vazun. Semmiet li dakinhar tal-10 ta' April 2015 kien inqala' incident ta' glied li kien involut fih huhom Joe, u fil-fatt wara dan l-incident kien sar rapport lill-Pulizija, fejn kemm hi u hutha hargu liberati. Qalet li minn wara dan l-incident, ommha bdiet tibza minn Joe u ghalhekk kienu jaghmlu c-

[6] Seduta tat-2 ta' Frar 2017; Seduta tal-21 ta' April 2017.
[7] Seduta tas-16 ta' Gunju 2016.

cavetta gewwa. Semmiet ukoll li ommha riedet tnehhi l-prokura minn fuq Aloisia u riedet taghti l-prokura lilha, fil-fatt fit-28 ta' Marzu 2015, ommha tat prokura lilha. Qalet li ommha ma riditx lil Aloisia u lil Alex ighixu aktar fid-dar b'hekk kienet baghtitilhom ittra bl-avukat sabiex jitilqu. Qalet li fl-10 ta' Mejju 2015, rega' nqala' dizgwid peress li riedu jiehdu lil ommhom tiekol barra u Aloisia ma semghetx mit-twiddib biex dak il-hin ma tkunx id-dar, u kien inqala' incident u Aloisia telqet 'il barra u Alex hareg warajha. Semmiet li dwar dan l-incident kien hemm proceduri Kriminali, izda qalet li hi harget liberata anke mill-Qorti tal-Appell, filwaqt li Aloisia nstabet hatja li hebbet ghal binha Ryan. Qalet li dakinhar tal-incident fil-ghaxija Aloisia u zewgha ma gewx id-dar, u giet l-ghada biex tigbor zewg basktijiet hwejjeg. Qalet ukoll li huma ma bidlux is-serratura, izda ghadhom jifthu bl-istess cavetta.

"**In kontro-ezami** qalet (fol 271-281)[8] u kkonfermat li Aloisia ghomorha kollu ghexet fid-dar ta' ommha u sa minn qabel izzewget, hi u r-ragel taghha kienu qed jirrisjedu hemm. Ikkonfermat ukoll li mill-10 ta' Mejju 2015, Aloisia ma regghetx giet lura d-dar. Mistoqsija Aloisia baqghalhiex affarijiet id-dar qalet li le li baqa' t-*threadmill*. Qalet li biex tidhol Aloisia riedet tiftiehem maghhhom, u l-ahhar li marret tigbor oggetti kien fil-5 ta' Novembru. Ftakret li baqa' wkoll *computer desk* li qeghdin fil-kamra ta' fuq. Spjegat li dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015 kien il-*Mother's Day*, fejn inqala' dizgwid u ommha bdiet tghid li ma tridx lil Aloisia u lil Alex hemm ghax serqitha hajja, u haditilha d-deheb u ma gabitux lura, u waqqfet lil Alex milli jipprova jidhol, u pogga fuq siggu u qal "*mela cemplu lill-Pulizija",* u sadanittant Aloisia baqghet hemm, u eventwalment harget, izda cahdet li kaxkret lil Aloisia biex tohrog. Qalet li sseparat biss lil Aloisia minn Ryan it-tifel taghha. Qalet li wara li Aloisia harget dakinhar tal-10 ta' Mejju, imbaghad ohtha Carmen li kienet maghha dakinhar ghamlet katina mal-bieb tad-dar. Qablet li qabel l-10 ta' Mejju 2015 kien hemm diversi rapporti bejniethom. Qalet li ma ddiskutietx ma' ommha l-kwistjoni tal-wirt qabel inqala' dan id-dizgwid

"**Carmen Mannino** xehdet permezz ta' affidavit (fol 226-227) qalet li hi oht Aloisia u b'kollox qeghdin tmient' ahwa. Qalet li f'Lulju 2012 Aloisia ghamlet ir-riceviment tat-tieg u kien biss wara dan il-kaz li saret taf li Aloisia izzewget ufficjament fl-2014. Qalet li c-cavetta bdiet tithalla fuq gewwa minn dakinhar li nqala' l-incident meta huhom Joe kisser il-grada u wara li ommhom kienet tat ic-cavetta lil Joe kontra l-volonta taghha. Qalet li meta ommha tat prokura lil Lilian skoprew li Aloisia kienet tonfoq flus mill-fondi ta' ommha ghall-affarijiet taghha personali. Semmiet li ommha kienet baghtet ittra lil Aloisia u lir-ragel taghha biex ma jibqghux jirrisjedu fid-dar maghha. Rigward l-incident tal-10 ta' Mejju 2015, qalet, li dakinhar kienu wissew lil Aloisia biex ma toqghodx fid-dar sakemm johorgu lil ommhom u Aloisia kienet sfidat u baqghet hemm, u b'hekk gara li hebbet ghal Lilian u ghal binha. Ziedet tghid li fil-fatt is-serratura tal-bieb tad-dar in kwistjoni qatt ma nbidlet.

[8] Seduta tal-14 ta' Novembru 2017.

"**In kontro-ezami** qalet (fol 293-297)[9] li Aloisia minn dejjem kienet toqghod fl-imsemmija dar flimkien ma' ommha u sa minn qabel izzewget kienet miftehma li tibqa' toqghod hemm u li tiehu hsiebha. Semmiet li hi kienet taghmel ic-cavetta minn gewwa mas-serratura ghax ommha kienet tghidilhom hekk. Mistoqsija minn meta bdew jaghmlu l-katina fuq barra, qalet, li jista' jkun li minn wara dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015, tal-*Mother's Day* izda ma tiftakarx precizament meta. Ikkonfermat li hi nstabet hatja mill-Qorti li offendiet lil ohtha Aloisia. Ikkonfermat li meta telqet Aloisia dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015 telqu minghajr ma hadu xejn maghhom. Hi qalet li taf li ghamlu katnazz imma ma tiftakarx meta.

"**Martin Mifsud** xehed permezz ta' affidavit (fol 228-229) u qal li hu u Aloisia qeghdin tmint' ahwa, Aloisia zzewget f'Lulju 2012, u kien biss waqt dan il-kaz li sar jaf li hi izzewget ufficjalment fl-2014. Kien beda jinqala' l-inkwiet bejn l-ahwa meta giet ohtu Vicky minn barra u eventwalment, fi Frar 2015 ommu kienet talbet il-prokura lura lil Aloisia ghax ma baqghetx tafdaha. Spjega li mbaghad il-prokura ommu tatha lil ohtu Lilian li skopriet li Aloisia kenet tuza l-flus ta' ommha ghal affarijiet taghha. Rigward l-incident tal-10 ta' Mejju 2015, qal li ma kienx prezenti dakinhar, izda s-serratura tal-bieb tad-dar qatt ma nbidlet.

"**In kontro-ezami** qal (fol 283-292)[10] li ohtu Aloisia dejjem ghexet fid-dar ta' ommha, u kienet miftehma ma' ommha sa minn qabel iz-zwieg taghha li kienet ser tibqa' toqghod hemm. Qal li dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015 hu ma kienx hemm, u ma jafx meta sar il-katnazz hux dakinhar jew le. Qal li f'mument, ommu kienet tat cavetta lil Joseph izda mbaghad meta qala' l-glied u dizgwid ommu kienet tibza' minnu u kienet tghid biex isakkru minn gewwa u anke hu gieli ghamel hekk fuq struzzjonijiet ta' ommu. Qal li sa fejn jaf hu t-*threadmill* baqghet ma gabritx mid-dar ohtu u xi oggetti ohra zghar.

"**Georgina Borg** xehdet (fol 233-235) u qalet li hi oht Aloisia u b'kollox huma tmient' ahwa. Semmiet li f'Lulju 2012 ohtha ghamlet ir-riceviment taz-zwieg u saret taf matul dan il-kaz, li zzewget ufficjalment fl-2014. Qalet, li ommha baghtet ittra lil Aloisia biex tghidilha titlaq mid-dar fil-fatt sa April 2015 Aloisia diga kienet garret xi affarijiet. Rigward l-incident tal-10 ta' Mejju 2015 qalet li hi ma kinitx prezenti izda minn dakinhar sal-lum, is-serratura tal-bieb tad-dar in kwistjoni baqghet ma tbiddlitx, u ghalkemm Aloisia ghamlet diversi rapporti kontriha u kontra hutha hi harget liberata.

**In kontro-ezami** qalet (fol 288-292)[11] li ommha kienet tibza' u meta kienet tghidilha hi kienet taghmel ic-cavetta fil-bieb minn wara, biex minn barra l-bieb ma jinfetahx, u ghalhekk Aloisia wkoll ma kinitx tkun tista' tiftah minn barra. Qalet li Aloisia baqghalha t-threadmill u xi

[9] Seduta tat-30 ta' Novembru 2017.
[10] Seduta tat-30 ta' Novembru 2017.
[11] Seduta tat-30 ta' Novembru 2017

kommodina fid-dar. Qalet li taf li tpogga katnazz mal-bieb tad-dar ta' ommha, izda ma tafx meta tqieghed u taqbel li Aloisia ma setghetx tidhol aktar fid-dar.

"**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

"Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

"*(i) Possedisse*
"*(ii) Spoliatum fuisse*
"*(iii) Infra bimestre deduxisse*

"Illi dawn il-principji gew ribaditi f' diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' **"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

"Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Cahrles Cardona et vs Francesco Tabone"** - A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

"Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi "*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss, kif ighid bl-iktar mod* ***car l-artikolu 791(1) Kap 12,*** *li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

"Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li:

> "*hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni."* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** – (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** – (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri"**

> – A.C. 26 ta' Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li *"All attore in reintegrazione e sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione..."* (**"Camilleri vs Agius"** P.A. 20 ta' Ottubru 1882).

"Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, benche` ippruvat, u huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

"Illi gie ritenut fil-kaz **"Delia vs Schembri"**, P.A. – 4 ta' Frar 1958:

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."* (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).

"F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mit-tgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga. (Ara ad ez. **"Ripard et vs Fenech noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000).

"Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

> "*….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll."*

"Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

> "*Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att."*

"Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et",** P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

"Ukoll fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse'*, gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

"Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem tal-Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrio che per forza private si compia contro la volontarieta` dello spogliato." (*Vol.III Sez. 52). "**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et",** P.A.. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

"**Mera Tolleranza**

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, li min jipposjedi b'tolleranza ma jistax jipprocedi *ai termini* tal-Artikolu 535. Fil-fatt, numru ta' sentenzi rritenew li "*atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondmaent ghall-akkwist tal-pussess.*" (Ara "**Antonio Pace vs Antonio Cilia**"- Prim Awla deciza fis-26 ta' Gunju 1965).

"Illi f'din is-sentenza citata "**Pace vs Cilia**" intqal:

> "Dan il-principju jemana mid-dispozizzjoni tal-**Artikolu 563 (illum 526)** tal-Kodici Civili li jghid li 'l-*atti li huma biss fakoltattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess. Il-legislatur kien qieghed deliberatament jirreferi ghal kwalunkwe pussess u mhux ghal pussess legittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joholqux pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti tieghu ghall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868 kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche` secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente ditto."*[12]

"Dan l-istess insenjament jinsab rifless fil-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f' **"Annetto Xuereb Montebello** et **vs Paolina Magri et"** deciz fid-19 ta' Gunju 1953, fejn gie ritenut:

> "*Ghalhekk, m'hemmx dubju ghall-Qorti li l-pussess li qed tivvanta s-socjeta' attrici, illi hija stess iddikjarat li taf li huwa wiehed ta' mera tolleranza meta akkwistat il-fond proprjeta` taghha, huwa wiehed li ma huwiex tutelabbli permezz ta' actio spolii."*

"U fil-kaz "**John Mary Schembri vs Dominic Borg**" Prim' Awla, deciza fis-16 ta' Jannar 2008, inghad:

> "*F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza stante li mera tolleranza ma tissodisfax l-ewwel rekwizit bhala l-element tal-ispoll."*

[12] Ara **"Victor Caruana vs Jonah Caruana et",** P.A., 897/10 (JA) deciza fl-10 ta' Lulju 2013

"Hekk ukoll hija l-opinjoni tal-awtur **Laurent**: (*Diritto Civile,* Vol.XXXII, para.297) – "*colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un istante all' altro."*[13]

"Izda, kif inghad fil-kaz **"Carmelo Calleja et vs Godfrey Zammit et"** deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, (390/07/1) fil-1 ta' Frar 2014:

> "*Hu ritenut li in vista tal-fatt li min jezercita poter ta' fatt fuq haga huwa l-prezunt possessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan ghaliex kif drabi ohra gie osservat mill-Qrati Taghna, 'it-tolleranza ma ghandhiex tigi prezunta u ghandha ghalhekk tigi pruvata almenu prima facie'*." (**Kollez. Vol. XXXVI p.i. p.292)** u, similment, "*il-piz ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza."* (**Kollez. Vol. XLIV p.ii.p.608)."**

"Difatti fil-kaz **Caruana Maria vs Spiteri Benedict et**, deciza mill-Qorti tal-Appell inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004, intqal li *"it-tolleranza ma tatribwixxi ebda dritt lill-parti wahda u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti ohra u min qed igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita` tal-inadempjiment."* (Ara **Anthony Spiteri vs Lawrence Piscopo**, Appell Civili (777/2003/1) deciz fit-2 ta' Marzu 2010.

"Ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, din il-Qorti trid tindaga dwar dan l-element tal-pussess *o meno*.

"Jibda biex jinghad, li mhuwiex ikkontestat li l-imsemmi fond jappartjeni lil Mary Mifsud fejn ghexet matul hajjitha. Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti almenu *prima facie*, kellhom il-pussess tad-dar in kwistjoni. L-intimati qed jinvokaw it-tolleranza peress li qed isostnu tramite t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li r-rikorrenti m'ghandhomx il-pussess mehtieg ghal azzjoni ta' spoll. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-intimati jkomplu jelaboraw, li r-rikorrenti ghexu fl-imsemmi fond bit-tolleranza u bil-buona grazzja tal-omm Mary Mifsud. Jinghad fl-ewwel lok, li r-rikorrenti Aloisia kienet trabbiet u ghexet ma' ommha u ma' familtha f'din id-dar. Illi hi ltaqghet ma' Alexander fl-2007, u sussegwentement kien mar joqghod maghha fid-dar fejn kienet toqghod flimkien ma' ommha bil-permess u bil-benevolenza tal-omm Mary Mifsud, dan wara li qaghdet iddur ma' missierha meta kien marad. Jirrizulta, inoltre, li din id-dar kienet saret id-dar konjugali tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti sostnew fin-nota ta' sottomissjonijiet li kien hemm ftehim mal-omm li huma jkomplu joqghodu hemm fl-istess dar maghha bil-kundizzjoni li jiehdu hsiebha u kif ukoll bl-intiza li d-dar tithalla lil Aloisia permezz ta' testment.

[13] Ara **"Raymond Gauci et vs Peter Vella et",** P.A. 856/2006 (AF) deciza fit-30 ta' April 2014 .

"Gie sottomess ukoll fl-istess nota ta' sottomissjonijeit tal-intimati, li l-fatt li Mary Mifsud ippermettiet lir-rikorrenti biex ighixu fl-istess fond maghha, dan ma kienx necessarjament fuq bazi permanenti u ma jfissirx li Mary Mifsud ma setghetx tittermina l-permess taghha sabiex huma ma jkomplux ighixu fl-imsemmi fond flimkien maghha.

"Jigi ritenut fl-ewwel lok, li l-kwistjoni tat-testment, mhijiex sufficjentement ippruvata u d-domandi u s-sottomissjonijiet fir-rigward, mhumiex relevanti ghal din il-vertenza. Fit-tieni lok, jigi nnutat, li sar accen fix-xhieda, li l-omm Mary Mifsud kienet baghtet ittra lir-rikorrenti sabiex fi zmien hmistax jitilqu mill-fond *de quo*, fejn kienu ighixu. Jigi osservat li din l-ittra ma gietx esebita. Izda, r-rikorrenti fil-kontro-ezami taghha, ikkonfermat, li kienet irceviet ittra fit-8 ta' Marzu 2015 ghan-nom ta' ommha, sabiex titlaq mill-fond wara li kien ilha hamsin sena tirrisjedi hemmhekk, ghaliex ghexet u trabbiet hemmhekk. Dan ikkonfermatu fil-kontro-ezami taghha a fol 153 tal-process.

"Ikkunsidrat, li kif sewwa ribadit fil-gurisprudenza nostrana, jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza, li jipprova li min kien qed jipposjedi kien qed jipposjedi biss b'mera tolleranza. Fil-kaz in ezami, l-intimati ma ppruvawx bl-ebda mod, li l-ftehim sabiex ir-rikorrenti jabitaw fid-dar in kwistjoni kien biss bil-mera tolleranza ta' omm ir-rikorrenti. L-ebda skrittura jew dokument f'dan is-sens, ma jidher li kien hemm bejn il-partijiet. *Di piu`*, ghalkemm hemm qbil li r-rikorrenti irceviet ittra biex tivvaka mill-fond, ma jirrizultax jekk ir-raguni moghtija fl-ittra kienet wahda bbazata fuq tolleranza jew xi raguni ohra u dan peress li l-ittra ma gietx esebita.

"Ikkonsidrat li fl-assenza ta' prova dwar il-mera tolleranza vantata mill-intimati, jidher manifestament car li r-rikorrenti kellhom il-pussess rikjest *ai fini* ta' din l-azzjoni. Dan gie ppruvat billi huma kellhom ic-cavetta tal-fond, u kienu jghixu u jabitaw hemmhekk, tant li kellhom l-effetti personali taghhom f'dan il-fond.

"Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, saret distinzjoni bejn il-pussess tar-rikorrenti Aloisia Mifsud Grech u Alexander Grech billi nghad li kienet martu li kellha ddur mal-omm u mhux hu. Madanakollu dan mhuwiex ta' rilevanza ghall-indagni li trid taghmel din il-Qorti biex tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti kellhomx il-*possesso di fatto* kif rikjest ghal din l-azzjoni. Il-kwistjoni tas-servigi hija kwistjoni kompletament separata li ma timpingix fuq il-vertenza in ezami.

"Illi l-indagini tal-Qorti fil-kaz in materja hija limitata u skarna u l-Ligi taghna ma taghti lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni. Ghalhekk, certament, m'hemm lok tal-ebda indagini dwar l-intenzjoni u weghdiet dwar wirt li setghu saru minn Mary Mifsud, anke *in vista* tal-fatt, li f'hajjitha Mary Mifsud ghad ghandha l-fakolta` li tbiddel u taltera kull testment minnha maghmul sal-gurnata tal-lum. *Di piu`*, is-serje ta' domandi fix-xhieda

u fil-kontro-ezamijiet dwar l-inkwiet familjari, u min kien jiehu hsieb lil omm, wkoll mhumiex ta' relevanza ghall-kaz in ezami, peress li hawnhekk jehtieg indagini limitata ghall-elementi rikjesti bil-Ligi.

"**Ghaldaqstant, l-element tal-pussess jissussisti.**

"Referibbilment ghall-element ta' *spoliatum fuisse*, trid issir distinzjoni dwar dak premess fil-hames paragrafu tal-premessi u fis-sitt paragrafu tal-premessi.

"Fil-hames paragrafu tal-premessi, gie premess li l-intimati bdew icaqalqu l-effetti personali tar-rikorrenti fl-istess fond, u llimitaw id-dhul fl-istess fond billi bdew ihallu c-cavetta fis-serratura fuq in-naha interna tal-bieb ta' barra.  Jinghad fl-ewwel lok, li taqbel mal-intimati li dak allegat li huma bdew icaqalqu l-effetti personali tar-rikorrenti fl-istess dar ma jinsabx sufficjentement ippruvat.  Illi kienet ir-rikorrenti Aloisia stess li kkonfermat li kienet ippakkjat xi oggetti taghha biex iggorrhom mill-imsemmi fond.

"Rigward il-fatt l-iehor li kienet qed titpogga cavetta fis-serratura fuq in-naha interna tal-bieb, jigi ritenut li hafna mill-ahwa fix-xhieda taghhom ikkonfermaw li din kienet prassi li kienet qed issir fuq istruzzjonijiet ta' ommhom minhabba li bdiet tibza' minn binha Joseph Mifsud wara glieda u incident li kien inqala' fejn kien involut hu fl-imsemmija dar.  Izda, din kienet prassi li jidher li kien ilha ssir sa minn Frar 2015.  Minbarra l-fatt li dan l-agir ma kienx qed jippreskludi totalment l-access lir-rikorrenti ghaliex matul dan iz-zmien kollu li kienet qed tithalla c-cavetta minn gewwa, ir-rikorrenti xorta baqghu jghixu, u jorqdu fid-dar in kwistjoni. Ghalhekk, b'dan l-att, ir-rikorrenti ma gewx imnezza mill-pussess u spussessati vjolentement, ghaliex huma baqghu jghixu hemm regolarment matul il-perjodu li c-cavetta kienet qed tithalla man-naha interna tas-serratura.   Inoltre`, hemm ukoll il-kwistjoni tat-terminu taz-zmien li ser tigi trattat aktar 'il quddiem, peress li jirrizulta li din il-prassi kien ilha ssir ghal aktar minn xahrejn.

"**Ghalhekk, dak premess fil-hames premessa tar-rikors promotur, ma jirrizultax li kien jikkostitwixxi spoll vjolenti jew klandestin.**

"Mhuwiex ikkontestat li tqieghed katnazz u katina mal-bieb tal-imsemmija dar wara l-incident ta' matul il-jum tal-10 ta' Mejju 2015, dakinhar ta' Jum l-Omm, meta Aloisia u zewgha kienu hargu mid-dar u ma regghux irritornaw fil-ghaxija.  Dan gie kkonfermat mix-xhieda Lilian Fenech u Carmen li kienu t-tnejn prezenti dakinhar tal-10 ta' Mejju.  Difatti, Lilian Fenech ikkonfermat li kien aktar tard wara dak l-incident li tpoggiet katina mal-bieb ta' barra minn Carmen Mannino, hekk kif gie ammess mill-istess Carmen Mannino li qalet li tqeghdet katina mal-bieb ta' barra tad-dar wara l-10 ta' Mejju meta harget Aloisia. Ohthom Silvana wkoll xehdet li kienet rat il-katina u l-katnazz mal-bieb meta gholliet il-hasira.  Illi ma hemmx dubbju li dan sar minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, li in segwitu ghat-tqeghid tal-katnazz

u l-katina gew mizmuma milli jaccedu fl-imsemmi fond. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, gie argumentat mill-intimati fis-sottomissjonijiet taghhom, li l-ghada Aloisia kienet dahlet fid-dar u gabret xi hwejjeg personali taghha. Illi kienet ir-rikorrenti Aloisia stess li kkonfermat li dahlet bi ftehim ma' hutha fil-fond dakinhar tal-11 ta' Mejju 2015, u hadet xi hwejjeg. Madankollu, din il-vizita taghha biex tigbor hwejjigha ma jistax jitqies ekwivalenti ghall-access liberu kif kellha precedentement ghall-10 ta' Mejju 2015, fejn hija kienet tghix u torqod fid-dar billi tirrisjedi fiha. Difatti, gie kkonfermat fix-xhieda li Aloisia dahlet dakinhar tal-11 ta' Mejju 2015 wehedha, mhux ma' Alexander u damet fil-fond siegha jew siegha u nofs sabiex gabret hwejjigha. Dan il-fatt jinsab korroborat anke mill-ahwa l-ohra li kienu prezenti dakinhar tal-11 ta' Mejju 2015.

"Illi jirrizulta wkoll mir-rapporti tal-Pulizija esebiti, li fl-10 ta' Mejju 2015, Dok LF19 (fol 143 *et sequens*), kien gie rapportat fost affarijiet ohra, li dakinhar stess kien sar il-katnazz mal-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni. Inoltre`, hutha Lilian, Carmen u Martin ikkonfermaw li ghad hemm it-*treadmill*, u xi oggetti ohra apparteneti lil Aloisia fil-fond in kwistjoni. *In vista* tas-suespost, jirrizulta li dan l-att spoljattiv, kif imsemmi fis-sitt premessa tar-rikors gie ippruvat, ghaliex ir-rikorrenti minn dakinhar tal-10 ta' Mejju 2015 inzammew milli jkomplu jidhlu u ighixu fil-fond in kwistjoni. Ma jiswiex l-argument tal-intimati, li kkonfermaw li s-serratura qatt ma nbidlet ghaliex il-katnazz u l-katina li tqeghdu kienu certament ta' impediment ghall-access godut precedentement mir-rikorrenti.

"**It-terminu ta' xahrejn ghall-atti sostnuti fil-hames u s-sitt premessi tar-rikors promotur:**

"Dan it-tielet element konsistenti fit-terminu ta' xahrejn, hu wkoll element *sine qua non* biex tirnexi din l-azzjoni. Dak premess fil-hames premessa tar-rikors odjern, jinsab ikkontestat.

"Ghalhekk, hawnhekk, ghall-kwistjoni tat-terminu taz-zmien, tajjeb li ssir distinzjoni bejn l-atti sostnuti fil-hames u fis-sitt premessi tar-rikors promotur, *stante* li hemm differenza fl-agir u fl-atti kif hemmhekk sostnuti, fis-sens li huma atti separati. Ghalhekk dak li japplika ghal att mhux necessarjament japplika ghall-att l-iehor.

"Il-kaz odjern gie istitwit fil-11 ta' Mejju 2015. Jirrizulta li biex jissusisti dan l-element, it-terminu jibda jiddekorri minn meta gie spoljat l-attur. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna hija konkordi fuq dan il-punt, li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-data meta l-attur ikun gie fizikament spoljat mill-pussess tieghu. (Ara **"Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** Appell Civili deciz fl-4 ta' Dicembru 1998). Ukoll, fil-kaz **"Michael Mamo vs Philip Grima"** P.A. deciza fis-7 ta' Frar 1958, **XLII-II-915** intqal:

> "*Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll, u mhux mindu l-attur gie jaf bih…..iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza."* (Ara **Sammut vs Pellegrini Petit XXIV-I-276**).

"F'dan il-kuntest, rilevanti wkoll il-kaz, **"Michael Angelo Fenech nomine vs Alfred Camilleri"** P.A. deciza fit-22 ta' Frar 1992 fejn gie ritenut:

> "*It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur."* (Ara wkoll **"Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`",** Qorti tal-Appell- 26 ta' Mejju 1998; "**FCA Co. Ltd. et vs Tan-Nikcar Construction Ltd. et"** (1182/2005 FS) P.A. deciza fit-13 ta' Gunju 2013; **"John Bondin et vs Joseph Farrugia et",** Qorti tal-Appell - 27/2/2015; u **"Trevor Arendts vs Veronique Mizzi"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013.

"Fil-kaz **Alfred Paul Farrugia nomine vs Peter Paul Cutajar** (Imh. N. Cuschieri) - 13.02.2004) gie ribadit li:

> "*Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta'* spoll *privileggjat ma tistax tregi."*

"Aktar specifikatament **f'Georgina Borg vs Errol Cassar et**, (PA Imh.PH Sciberras) – 21.10.2002) qalet hekk dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll. *"Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu, t-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni teghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur*, *prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estintiv ta' xahrejn."*

"Illi kif diga ritenut l-atti, u cioe`, it-tqeghid tac-cavetta mas-serratura interna tal-bieb, kif indikat fil-hames premessa tar-rikors odjern, kien agir li kien ilu jsir sa minn Frar 2015. Gie stabbilit li dan kien ilu jsir u ghalhekk, ghal dak li jikkoncerna dan l-att specifiku tat-tqeghid tac-cavetta mas-serratura interna tal-bieb tad-dar, certament din l-azzjoni hija *fuori termine*.

"L-att l-iehor imsemmi fil-hames premessa mhuwiex ser jigi kkunsidrat ladarba lanqas gie ppruvat.

"Referibbilment ghall-att indikat fis-sitt paragrafu tal-premessi, gie ppruvat li l-katnazz u l-katina tqeghdu mal-bieb ta' barra in segwitu ghall-incident tal-10 ta' Mejju 2015. Lilian Fenech xehdet li kienet ohtha Carmen li aktar tard dakinhar peress li kienet maghha qeghdet il-katina. Carmen ma cahditx li ma kinitx hi li fil-fatt qeghdet il-katina mal-bieb

izda ma pprecizatx id-data ezatt. Dakinhar stess sar rapport mal-Pulizija.

"Il-Qorti hija ghalhekk soddisfatta li l-kawza saret *entro* t-terminu ta' xaharejn billi l-kaz odjern gie isititwit proprju l-ghada tal-att u l-ghada tar-rapport tal-Pulizija Dok LF19, u cioe` fil-11 ta' Mejju 2015.

"**Ghaldaqstant, din il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta.**

"Illi ghar-rigward tal-addebitu tal-att spoljattiv, jirrizulta li kienet Carmen Mannino li qeghdet il-katnazz mal-bieb. Madanakollu jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li l-intimati kollha kienu nvoluti, anke tacitament, f'din l-intrapriza. Rigward Mary Mifsud, bhala sid tad-dar, ghalkemm ma wahhlitx hi fizikament il-katina mal-bieb ta' barra, kull ordni ta' din il-Qorti ghall-ispurgar tal-ispoll tabilfors irid jigi indirizzat lilha wkoll.

"Ghalhekk din il-Qorti ser tqies li l-intimati kollha huma responsabbli.

"**<u>III. KONKLUZJONI</u>**

"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u cioe' :

"1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimati ikkommettew spoll vjolenti fil-konfront ta' l-atturi.

"2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum jirripristinaw lir-rikorrenti fil-pussess taghhom tal-imsmemija dar.

"3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas tal-ispurgar ta' l-ispoll mill-konvenuti kif ordnat permezz tat-talba precedenti, iwettqu huma dak kollu necessarju sabiex jigu ripristinati fil-pussess taghhom tal-fond bin-numru 46, f'Main Street Tas-Sajjied, Birkirkara, u tal-effetti mobbli kollha taghhom li jinsabu fl-istess fond, *occorrendo* taht is-sorveljanza tal-Perit Kyle Vella li jista' jitlob li jkun assistit minn ufficjali ezekuttivi ta' din il-Qorti bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom.

"**L-ispejjez jithallsu mill-intimati solidalment bejniethom**".

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenuti:</u>

Il-konvenuti ħassuhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnhom. Huma jsostnu li l-atturi appellant ma

kellhomx il-pussess rikjest mil-ligi izda biss gawdew l-ambjenti inkwistjoni b'mera tolleranza. Dan jidher infatti li huwa l-uniku aggravju taghhom.

**Risposta tal-appell tal-atturi**

L-atturi wieġbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**Dwar l-aggravju:**

Kif gia ssemma l-appellanti qed jilmentaw li l-atturi kienu jipposjedu l-ambjenti b'mera tolleranza u allura ma setghux jirnexxu f'din l-azzjoni. Il-kwistjoni ta' jekk min jipposjedi b'tolleranza jistax jipprocedi ai termini tal-Artikolu 535 jidher li ilha li giet deciza fin-negattiv. Originarjament il-kwistjoni nqalghet minhabba l-fatt li kif gia ssemma, l-artiklu msemmi jipprovdi li l-pussess jista jkun "*ta' liema xorta jkun'.* Madankollu numru ta' sentenzi irritenew li *atti ta' mera tollerenza ma jistghux iservu ta' fondament ghall akkwist tal-pussess*"*.* (**Antonio Pace v. Antonio Cilia** – Prim'Awla, 26 ta' Gunju 1965); sentenza, li saret riferenza ghaliha fis-sentenza appellata, u li fiha hemm riferenza ticcita wkoll is-sentenzi pubblikati fil-volumi **XXIV-i-451, XXXIII-i-173** u **XXXVII-ii-642**, u wkoll ticcita l-Kassazzjoni ta' Ruma u Turin f'zewg gudizzji separati u cioe` rispettivament wahda tat-**23 ta' Gunju 1905** fejn intqal illi "*non e'*

*possesso giuiridicament reintegrabile quello che emana da una semplice concessione dell' propietario*"; u ohra tas-**27 ta' Dicembru 1907** fejn intqal illi "*Non ricorre quell possesso di fatto che da' diritto alla protezione mediante l' azione di reintegra ogni qual volta il preteso spogliato abbia il godimento basato sulla semplice tollerenza del preteso spogliatore*".

L-appellanti jserrhu l-argument taghhom fuq il-fatt li skont huma, l-appellati kienu jabitaw fil-fond in kwistjoni b'mera tollerenza ta' ommhom u kien bil-bona gratia taghha li kienu jghixu hemmhekk. Kwindi ghalihom ma kienx pussess li jillegittima azzjoni ta' spoll.

Tajjeb qabel xejn jigi ribadit li hekk imsejjah l-animus spoliandi mhuwiex mehtieg rekwizita sabiex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi – dan il-kuncett gie ormai skartat mill-Qrati taghna bhala difiza f'kawza ta' spoll. -ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet **Trident Developments Limited v. Joseph Cordina** u fost ohrajn is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Buhagiar v. Mikiel Farrugia** (11 ta' Novmbru 1997) u **Perit Carmelo Bonanno v. John Bartolo** (5 ta' Ottubru 1998).

Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma:

1. il-pussess – **possidesse**;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur – **spoliatum fuisse** u

3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll – **infra bimestre deduxisse**.

Ma hemmx dubju li l-azzjoni ta' spoll hija intiza bhala salvagwardja tal-ordni pubbliku biex hadd ma jiehu l-ligi b'idejh anke jekk ikollu d-dritt ta' proprjeta` tal-oggett in kwistjoni, Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Delia v. Schembri** (Prim'Awla -4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> "*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi il-pussess, ikun x' ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall fatt ta' min b'awtorita privata .. jaghmel ghad dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti*".

Fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (**Vol. III Sez. 52**).

Wiehed ukoll isib fil-kawza **Margherita Jaccarini v. Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April 1958:

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat*".

Kif ukoll gie ritenut;

> "*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x' jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*"– Appell Civili – **Cardona v. Tabone** – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Kif inghad l-uniku aggravvju tal-appellanti huwa li kien nieqes l-ewwel element ossija l-pussess. Din il-Qorti pero` ma taqblix mal-appellanti u taqbel minflok mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Izzid li l-azzjoni lamentata mill-appellati hija pjuttost wahda klassika ta' spoll fejn l-appellati li sa dak in nhar tal-istess azzjoni kienu jghixu ma' omm l-appellata sabu impediment biex jidhlu fl-istess dar fejn kienu jghixu. L-appellanti minn jeddhom bidlu l-istat ta' fatt ezistenti qabel barra lill-appellati. Dan ghamluh minghajr ma biss avzawhom x'kienu ser jaghmlu. Kienu konsaprevoli li l-att spoljattiv taghhom kien se jhalli lill-appellati minghajr access ghad-dar. Il-fatt li l-istess appellati kellhom cavetta tal-fond in kwistjoni ifisser li kienu fil-pussess legittimu. Dan kien apprezzament korrett tal-fatti u provi illi tressqu quddiem l-ewwel Qorti.

Dwar dan, din il-Qorti tirribadixxi ukoll li **normalment** ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fis-sentenza **Vella v. Tabone** tat-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali ta' l-ewwel Qorti biss "*ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza*

*ingustizzja cara*"*.* Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*"*.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

<u>Kwistjonijiet ohra sollevati fl-appell, bhal servigi li setghu gew resi, lill-appellanti Mary Mifsud huma irrilevanti ghal din il-kawza.</u>

Wara d-dovut ezami tal-provi, din il-Qorti jidrilha li ghandha tasal ghall istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti u taqbel li l-att spoljattiv sar fil-konfront

ta’ atturi li kellhom il-pussess legittimu tal-fond in kwistjoni u ghalhekk l-aggravji huma respinti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata b’dan illi t-terminu impost mill-ewwel Qorti ghar-ripristinar tal-pussess jibda jghaddi mil-lum; l-ispejjez kollha ihallsuhom il-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb